MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 577/2007

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra Biagio Muscat detentur tal-karta tal-identita` numru 381055(M).

**Akkuzat talli:**

F'dawn il-gzejjer, f'xi perjodu bejn is-16 u s-17 ta` Awwissu 2005, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskruttura jew fil-firem billi holoq pattijiet, dispozizzjonijietjew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkelli billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti

jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe certifikat tal-VRT falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, kien fid-dmir li jaghmel jew jghati dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamel jew ta dikjarazzjoni falz jew certifikat falz, u cioe certifikat tal-VRT falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u cioe certifikat tal-VRT falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe certifikat tal-VRT falz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi,

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 183, 185 (2), 187 (1) u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi dan il-kaz iholl u jorbot fuq ir-rapport illi ghamel certu Carmel Mangion lill-ADT illi, sakemm damet fil-pussess tieghu vettura tal-make Mazda 626, ta` kulur iswed, numru

tar-registrazzjoni GAJ078, din il-vettura qatt ma giet mehuda biex taghmel it-test tal-VRT kif rikjest mill-ligi. Minflok li jehodha ghat-test huwa kien jghati l-ammont ta` ghoxrin Lira Maltija (LM 20) lill-certu Louis Bonello li kien jakkwistalu certifikat tal-VRT minghajr ma` jehodha l-garage sabiex tigi ttestjata.

Mangion ghamel dan ir-rapport nonostante r-riskju li jigi, huwa stess, ipprocessat kriminalment kif fil fatt gara. Mangion ghamel dan ir-rapport il-ghaliex lil min biegh il-vettura f'Mejju tas-sena 2006 ma kienx hallsu. Ghalhekk ried jaghmillu vendikazzjoni u informa lill-ADT b'dina l-irregolarita`.

Jirrizulta illi Carmel Mangion b'kollox kien ghamel 3 "testijiet" tal-VRT. Dak li jikkoncernana huwa dak li allegatament sar fis-16 ta` Awissu 2006 fil-garage "Delmus" propjeta` tal-imputat. Ghal kull buon fini qieghed jinghad illi z-zewg VRT tests ta` qabel dan saru f'zewg garages differenti u ghalhekk ma jikkoncernawniex. Carmel Mangion, fix-xhieda tieghu, jallega illi ghal dan ic-certifikat partikolari kien irrangalu l-istess Louis Bonello, li wkoll kien ta` dejjem, jehodlu hsieb tal-insurance u l-licenzja ta` dina l-vettura.

Louis Bonello fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fil-21 ta` Jannar 2009 jixhed li qatt ma rranga l-VRT test ghal Carmel Mangion. Dan xehedlu nonostante illi fl-istqarrija tieghu mal-awtoritajiet investigattivi huwa kien ammetta illi f'certu kazijiet kienet possibilita` illi seta` jirranga VRT tests u li fl-istess stqarrija kien ukoll ammetta li kien possibli li ghamel dan fil-konfront ta` vetturi propjeta` ta` Carmel Mangion.  Ghal dan Bonello kien gie processat kriminalment. Ghalhekk ix-xhieda u l-istatements tax-xhud Bonello m'humiex konsistenti.

Illi, fix-xhieda tieghu ukoll, Carmel Mangion kien hafna erranti fejn daqqa jghid illi l-vettura kien bieghha lill-terzi

f'Lulju tal-2005 u daqqa ohra fis-sena 2006. Jirrizulta, fil fatt, minn dokumenti ezebiti, illi din il-vettura ghaddiet lil-terzi f'Mejju 2006 u cioe wara d-data tas-16 ta` Awissu 2005 meta, allegatament saritilha t-test tal-VRT. Ghalhekk, minhabba dawn il-provi, huwa fatt inkontestat illi fis-16 ta` Awissu 2005 il-vettura GAJ078 kienet ghadha fil-pussess ta` Mangion u ma kienetx diga` f'idejn terzi.

Il-Qorti tinnota il-fatt illi Louis Bonello fl-istqarrija tieghu, ammetta li seta` jkun illi ghamel dawn l-affarijiet, u cioe li jirranga t-testiiet tal-VRT ghal Carmel Mangion waqt li jbiddel il-verzjoni kategorikament fix-xhieda tieghu fejn jichad bil-gurament li fis-16 ta` Awissu 2005 huwa qatt ma ghamel dan ghal Mangion u l-vettura tieghu. Jispjega illi meta huwa kien arrestat huwa kien hafna impressjonat u nkwetat u ghalhekk semma l-possibilita` li seta` ghamel dan il-pjacir anke fil-konfront ta` Carmelo Mangion;

Illi d-data tac-certifikat tal-VRT mahrug mill-imputat igib id-data tas-16 ta` Awissu 2005 waqt illi t-test propju fuq il-vettura de quo huwa registrat li sar fuq is-17 ta` l-istess data. L-imputat jixhed li dan kien zball genwin tal-pinna.

Izda nonostante dawn iz-zewg inkonsistenzi dwar ic-certifikat tal-VRT tas-16 ta` Awissu 2005, dan, fil fatt hareg bil-mileage dak in-nhar tal-vettura GAJ078. Carmelo Mangion jixhed illi Louis Bonello kien dejjem jehodlu hsieb il-licenzja, l-insurance u l-VRT ta` din il-vettura nonostante illi din il-vettura Louis Bonello qatt ma kien rah. Louis Bonello qatt ma talbu xejn dwar din il-vettura lanqas biss il-mileage. Ghalhekk din il-Qorti issaqsi, "Kif seta` johrog certifikat tal-VRT li jinkludi l-mileage meta Louis Bonello qatt ma inghata d-dettalji tal-mileage minn Carmel Mangion?". Sinjal ghal din il-Qorti illi din il-vettura kienet xi darba taht il-kontroll tal-imputat li seta` jara l-mileage fuqha!

Huwa wara kollox Carmelo Mangion biss illi rrapporta u xehed illi qatt ma kien ha din il-vettura tieghu biex jaghmel it-test tal-VRT. Huwa verament kredibbli dan ix-xhud li akkost il-possibilita` li jigi processat kriminalment jaghmel rapport vendikattiv? Dan qieghed jixhed il-verita`?

Illi nonostante d-differenzi bejn l-istqarrija u x-xhieda ta` Louis Bonello u d-diskrepanzi fid-dati tal-VRT test u tac-certifikat formali tal-VRT, din il-Qorti hija perplessa kif l-imputat inkluda, fic-certifikat tal-VRT minnu mahrug, il-mileage li dak il-hin kienet qieghda tirregistra l-vettura meta Carmel Mangion xehed bil-gurament illi qatt ma ghadda informazzjoni ta` mileage lil Louis Bonello. Sinjal ghal din il-Qorti illi f'dak iz-zmien l-vettura kienet taht il-pussess tal-imputat li seta, allura verament issottometta lil din il-vettura ghat-test tal-VRT. Il-beneficcju ta` dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputat u minhabba f'hekk din il-Qorti qed tilliberah mill-akkuzi kollha kontrieh.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------